MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 43/2005

**Peter u Valeri konjugi Muscat**

**Vs**

**Cranes and Commercial Sales Limited; Muscat Marine Limited; Mario Muscat; Bank of Valletta plc; u b'digriet tat-8 ta' Marzu 2006 Dr John Paul Grech u martu Margaret Grech gew awtorizzati jintervjenu fil-kawza *in statu et terminis***

Il-Qorti,

**Interess Guridiku – Kawza li ssir mill-atturi trid tkun kapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz u utili ghalihom – L-interess irid jibqa' matul il-kawza.**

Rat ic-citazzjoni prezentat fil-11 ta' Mejju 2005 fejn l-atturi ippremettew li:

Bis-sahha ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Charles Mangion fil-15 ta' April, 1995, il-konvenuta kumpannija Cranes and Commercial Sales Limited bieghet lill-konvenut Mario Muscat proprio l-immobbli fil-limiti ta' Had-Dingli hemm deskritt, bil-prezz ta' Lm95,000 li thallas interament permezz ta' self mehud fuq l-istess att mill-konvenut Mario Muscat mal-kumpannija Bank of Valletta P.L.C.

Permezz ta' kuntratt tal-istess data, cioe' fil-15 ta' April, 1995, ukoll ippubblikat min-Nutar Charles Mangion, il-konvenut Mario Muscat proprio biegh cabin cruiser lill-konvenuta kumpannija Cranes and Commercial Sales Limited bil-prezz ta' Lm70,000, li skond l-istess kuntratt gie allegat li thallsu mill-konvenuta kumpannija Cranes and Commercial Sales Limited lill-konvenut Mario Muscat minn qabel l-ahhar ta' Novembru, tas-sena elf disgha mija u erbgha u disghin (1994), cioe' oltre sitt xhur qabel, u bl-obbligu tal-konsenja tal-istess cabin cruiser sat-30 ta' Awwissu, 1995.

Permess illi l-konvenut Mario Muscat proprio naqas illi jikkonsenja l-cabin cruiser imsemmija lill-konvenuta kumpannija Cranes and Commercial Sales Limited kif pattwit.

Permezz ta' kuntratt ippublikat min-Nutar Peter Fleri-Soler fil-5 ta' Mejju, 1997, Mario Muscat iddikjara ruhu vera, cert u likwidu debitur favur Joseph Cassar nomine fis-somma ta' Lm80,492.56c, cioe' is-somma ta' Lm70,000 allegatament imhallsa skond il-kuntratt fl-atti tan-nutar Charles Mangion, bhala prezz tal-cabin cruiser u bl-imghax.

M'huwiex minnu illi l-konvenuta kumpannija Cranes and Commercial Sales Limited hallset is-somma ta' Lm70,000, u l-unika raguni li sar dak il-kuntratt (Dok. B) kien sabiex il-konvenuta kumpannija Cranes and Commercial Sales Limited tikkawtela ruhha ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz tal-immobbli in specie billi l-cabin cruiser ma giex konsenjat lilha mal-att tal-vendita tal-immobbli, kif jigi ppruvat ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza.

Ghalhekk sia il-kuntratt ippubblikat min-Nutar Charles Mangion fil-15 ta' April, 1995, (kopja legali annessa Dok. B), kif ukoll il-kuntratt ippublikat min-Nutar Peter Fleri-Soleri fil-5 ta' Mejju, 1997, huma simultati u ghandhom jigu rexxissi u mhassra.

L-atti tas-subbasta numru 16/99 tiddependi interament fuq il-kuntratt simulat ippubblikat min-Nutar Peter Fleri-Soler fil-5 ta' Mejju, 1997, u ghalhekk dawk l-atti ta' subbasta, u kull att konsegwenti ghall-istess subbasta numru 16/99, ghandhom ukoll jigu annullati u mhassra.

Fost dawn l-atti konsegwenti ghall-imsemmija subbasta tesisti il-kawza citazzjoni numru 76/2002 (PC) fl-ismijiet "Bank of Valletta P.L.C. vs Mario Muscat u Peter u Valeri konjugi Muscat", deciza minn din l-Onorabbli Qorti fis-27 ta' Jannar, 2005.
Ghalhekk l-atturi talbu lil din il-qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-konvenuta kumpannija Cranes and Commercial Sales Limited ma hallset l-ebda flus lill-konvenut Mario Muscat bhala prezz tal-cabin cruiser imsemmija aktar 'l fuq f'din ic-citazzjoni.

2. Konsegwentement, tiddikjara illi kuntratt ippublikat min-Nutar Charles Mangion fil-15 ta' April, 1995, (kopja legali annessa Dok. B), kif ukolll il-kuntratt ippublikat min-Nutar Peter Fleri-Soler fil-5 ta' Mejju, 1997, (kopja legali annessa Dok. C) huma simulati u ghalhekk tannullahom tirrexxindilhom u thassarhom.

3. Konsegwentement thassar u tannulla l-atti tas-subbasta numru 16/99, u kull att konsegwenti ghall-istess att, inkluza is-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-27 ta' Jannar 2005, fl-ismijiet "Bank of Valletta plc vs Mario Muscat u Peter u Valeri konjugi Muscat".

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet prezentata minn Mario Muscat fid-19 ta' Awwissu 2009 (fol. 41) li permezz taghha eccepixxa:-

1. L-intempestivita tal-proceduri ghaliex l-atturi jafu lli hemm proceduri ta' ritrattazzjoni li ghadhom pendenti fir-rigward tas-sentenza moghtija minn din il-qorti fis-27 ta' Jannar 2005 fil-kawza Bank of Valletta plc vs Mario Muscat et.
2. L-esponent ma jaqbilx mat-tezi mressqa mill-atturi fir-rigward tar-relazzjoni kummercjali bejn il-kumpannija Crans and Commercial Sales Limited u l-esponent, u l-atturi jridu jippruvaw dak li qeghdin jallegaw.
3. L-esponenti ma jaqbilx li l-kuntratti li saru fil-15 ta' April 1995 u 5 ta' Mejju 1997 huma simulati, u l-atturi jridu jippruva l-allegazzjoni li huma simulati.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet prezentata mill-Bank of Valletta plc fl-24 ta' Awwissu 2005 (fol. 50) li permezz taghha eccepixxa li:-

1. Il-Bank of Valletta plc m'hijiex il-legittimu kontradittur ghaliex qatt ma kellha x'taqsam jew kienet parti fil-kuntratti li qeghdin jigu mpunjati.
2. L-atti tas-subbasta numru 16/1999 u l-atti kollha sussegwenti huma validi u saru wara li l-bank ottjena titolu ezekuttiv skond is-sentenza li nghatat fil-5 ta' Dicembru 1997 fil-kawza numru 227/97 fl-ismijiet: Bank of Valletta plc vs Mario Muscat. L-allegazzjoni li l-bank qatt ma rrenda ezekuttiv l-att pubblikat min-Nutar Carmel Mangion fil-15 ta' April 1995, hi infondata.
3. Din il-kawza hi tentattiv iehor tal-atturi sabiex jippruvaw iwaqqfu l-izgumbrament taghhom mill-fond, meta huma setghu appellaw mid-decizjoni li nghatat fis-27 ta' Jannar 2005 fil-kawza Bank of Valletta plc vs Mario Muscat et, liema appell naqsu milli jaghmlu. Inoltre, f'dawk il-proceduri qatt ma ressqu provi ghalkemm inghataw opportunita.

Rat id-digriet moghti fit-8 ta' Marzu 2006 li permezz tieghu awtorizzat lill Dr John Paul u Margaret konjugi Grech sabiex jintervjenu fil-kawza.

Rat id-digriet moghti fid-9 ta' Jannar 2009 li permezz tieghu l-konvenut Mario Muscat inghata l-fakolta' li jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri prezentata fit-28 ta' Jannar 2009 (fol. 348) minn Mario Muscat, fejn eccepixxa:-

1. Wara s-sentenza tal-appell fil-kawza fl-istess ismijiet, l-attur ma baqalhomx interess guridiku sabiex ikunu jistghu jkomplu b'din il-kawza wara li l-proprjeta' ghaddiet ghand terzi.
2. Il-meritu ta' din il-kawza diga' hu ezawrit permezz tal-istess sentenza tal-Qorti tal-Appell u ghalhekk it-talbiet ghandhom jigu michuda minhabba *res judicata*.

Rat l-atti tas-subbasta numru 16/1999.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs Mario Muscat et** (Cit. numru: 76/2002) deciza fis-27 ta' Jannar 2005, u li permezz taghha Mario Muscat u l-atturi gew kundannati jizgumbraw mill-fond in kwistjoni wara li l-qorti ddikjarat li m'ghandhomx titolu.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet **Peter Muscat et vs Mario Muscat et** (Cit. numru: 57/2005) deciza fit-2 ta' Mejju 2008.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet **Peter Muscat et vs Mario Muscat et** (Cit. numru: 55/2005) deciza fit-2 ta Mejju 2008.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet **Peter Paul Muscat vs Mario Muscat et** (Cit. numru: 97/2007) deciza fl-24 ta' April 2009.

Semghet il-provi u rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-atturi u tal-konvenut Mario Muscat.

Ikkunsidrat:-

F'din il-kawza l-atturi qeghdin jimpunjaw il-validita' ta' subbasta numru 16/1999, li kienet wasslet ghall-bejgh tal-fond AMZ, Triq il-Buskett, Rabat, Malta. Proprjeta' li kienet inxtrat minn Mario Muscat permezz ta' kuntratt li wkoll sar

fil-15 ta' April 1995 fl-atti tan-nutar Dr Carmel Mangion (fo. 11). Proprjeta' li l-atturi jippretendu li nxtrat minnu bhala *prestanome* tal-atturi. Kif sewwa ntqal fil-kawza **Canonico Don Francesco Abela nomine vs Canonico Don Giovanni Dedomenico et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Novembru 1935 (Volum XXIX.ii.778), bhala principju *"Jekk kwindi l-liberazzjoni tal-fond imsemmi fl-attijiet kienet nulla ghaliex il-fond ma kienx tad-debitrici ezekutata cjoe' ma kienx ta' Saveria Girard, kienu anki nulli l-atti kollha konsegwenzjali ta' dik il-liberazzjoni, fosthom il-cedola tad-depozitu tal-liberatarju Giuseppe Souchet."*.

Fis-subbasta saret liberazzjoni tal-fond favur Bank of Valletta plc. Sussegwentement, il-proprjeta' nxtrat minn Dr John Paul u Margaret konjugi Grech (intervenuti fil-kawza) permezz ta' kuntratt pubblikat fis-17 ta' Gunju 2005 fl-atti tan-nutar Joseph Tabone (fol. 61). L-atturi qeghdin jikkontestaw il-kuntratti li saru:-

(a) Fil-15 ta' April 1995 atti nutar Dr Carmel Mangion (fol. 21), li permezz tieghu Mario Muscat biegh lill-kumpannija Cranes and Commercial Sales Limited, cabin cruiser ghall-prezz ta' Lm70,000 u gie dikjarat li l-prezz thallas kollu.

(b) Fil-5 ta' Mejju 1997 atti nutar Dr Peter Fleri Soleri, li permezz tieghu Mario Muscat ikkostitwixxa ruhu debitur tal-kumpannija konvenuta fis-somma ta' Lm80,492.56 peress li baqa' ma kkonsenjax il-cabin cruiser fit-terminu pattwit.

L-atturi jallegaw li f'dawn il-kuntratti kien hemm simulazzjoni ghaliex m'huwiex minnu li Cranes and Commercial Sales Limited kienet hallset is-somma ta' Lm70,000. Fic-cirkostanzi, l-atturi jippretendu li s-subbasta qatt ma kellha ssir ghaliex kienet bazata fuq kuntratti, li huma titoli ezekuttivi, li huma simulati.

M'hemmx dubju li permezz ta' din l-azzjoni hemm ir-rieda tal-atturi li jregghu l-arlogg lura, fis-sens li s-subbasta tigi annullata u l-proprjeta' terga' tigi f'isem il-konvenut Mario Muscat. Fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw fit-18

ta’ Settembru 2009, l-atturi ddikjaraw: *“Illi l-interess huwa attwali u dirett, u dan ghaliex* ***bis-success ta’ din l-azzjoni l-esponenti ser jinghataw l-ghodda sabiex jirripristinaw l-atti u l-azzjonijiet li wasslu sabiex jitilfu l-proprjeta’ immobbli taghhom u ghalhekk jergghu jiehdu lura l-istess proprjeta’ immobbli.****”* (enfazi tal-qorti - fol. 367).

Wiehed mill-elementi ghall-interess guridiku hu li **l-kawza tista’ twassal ghal vantagg ghall-min jipproponiha** (ara sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili[1] fil-kawza **George Laferla et vs Joseph Lauri et** tat-2 ta’ Mejju 2002[2]). F’dan il-kaz zgur li m’hemmx din il-possibilta’ ghall-atturi. Jekk ghall-grazzja tal-argument l-affarijiet jergghu jitqieghdu fl-istat li kienu qabel saret is-subbasta, il-fond jerga’ jsir proprjeta’ ta’ Mario Muscat. Fid-diversi kawzi li ghamlu l-atturi, il-pretensjoni taghhom kienet dejjem li huma kienu l-proprjetarji tal-fond in kwistjoni u ghalhekk kellhom dritt li jokkupaw il-fond. Hekk per ezempju fil-kawza **Bank of Valletta plc vs Mario Muscat et** (Citaz. numru: 76/2002) deciza fis-27 ta’ Jannar 2005, id-difiza tal-atturi kienet li l-qorti kellha tichad it-talba ghall-zgumbrament in kwantu, ***“.....jokkupaw il-fond in kwistjoni b’titolu ta’ proprjeta’ peress li meta gie akkwistat il-fond originarjament dan gie akkwistat mill-konvenut l-iehor Mario Muscat ghan-nom tal-eccipjenti.”***[3].

Il-kwistjoni dwar jekk Mario Muscat kienx deher fuq il-kuntratt ta’ xiri bhala *prestanome* ta’ huh Peter Paul Muscat, kienet il-meritu tal-kawza fl-ismijiet: **Peter Paul Muscat vs Mario Muscat proprio et nomine et** (Citaz. numru: 51/2002) deciza minn din il-qorti diversament presjeduta fis-27 ta’ Jannar 2005. F’dik is-sentenza l-qorti cahdet it-talba ta’ Peter Paul Muscat sabiex jigi dikjarat li Mario Muscat xtara l-proprjeta’ bhala *prestanome* tieghu, wara li kkonkludiet li l-attur ma kienx irnexxielu jipprova l-allegazzjoni li l-proprjeta nxtrat minn Mario Muscat fl-interess tal-attur. Permezz ta’ sentenza li nghatat fit-28 ta’

---

[1] Imhallef Tonio Mallia.
[2] Konfermata mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta’ Mejju 2005.
[3] Ara fol. 28 tac-citazzjoni numru: 76/2002.

Settembru 2007 (fol. 237), il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel qorti. F'dan ix-xenarju m'hijiex korretta l-premessa tal-atturi li: ***"Mario Muscat ftiehem ghal huh Peter** ma' Joe Cassar ta' Cranes and Commercial Sales Limited, li kienet proprjetarja tal-immobbli li tinsab Had Dingli, li l-prezz jithallas parti f'kontanti (Lm95,000) u parti in specie, cioe' b'cabin cruiser."* (fol. 6). M'hemmx dubju li wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell, fic-cirkostanzi attwali din l-azzjoni ma tistax twassal ghal rizultat ta' utilita' u vantagg ghall-konjugi Muscat, u ghaldaqstant m'ghandhomx interess guridiku. L-interess ta' attur f'kawza jrid jibqa' jezisti matul il-hajja kollha tal-kawza, u jekk f'xi stadju tal-proceduri jonqos l-interess, il-kawza ma tkunx tista' tissokta. Kull pretensjoni tal-atturi li kienu qeghdin jokkupaw il-fond b'titolu ta' proprjeta' sfumat fix-xejn meta s-sentenza li nghatat fil-kawza **Peter Paul Muscat vs Mario Muscat proprio et nomine et** (Citaz. numru: 51/2002) saret gudikat, u l-konjugi Muscat gew zgumbrati mill-fond. Kif rajna hemm sentenza, konfermata wkoll mill-Qorti tal-Appell, li l-fond kien inxtara minn Mario Muscat fl-interess personali tieghu u mhux ta' haddiehor. Ghalhekk l-atturi m'ghandhomx dritt jimpunjaw il-validita' tal-kuntratti li ma kienux parti fihom u li jirreferu ghall-proprjeta' ta' haddiehor. Il-Qorti tal-Appell iddikjarat:-

*"Bhalma diga' ntqal, il-pern tal-kwistjoni f'din il-kawza huwa **jekk il-konvenut appellat Mario Muscat deherx bhala presta nome ta' huh l-appellant Peter fil-kuntratt ta' xiri tal-Villa AMZ, li tinsab f'Buskett Road, Rabat. Din il-Qorti gia' kkunsidrat li l-appellant ma pprovda ebda prova sostanzjali sabiex jipprova l-allegazzjonijiet tieghu, a bazi tal-provi prodotti quddiem il-Qorti tal-ewwel grad, u din il-Qorti ghadha ta' l-istess opinjoni anke wara li l-appellant ipprezenta quddiema l-kuntratt ta' bejgh tal-cabin cruiser.**"* (enfazi tal-qorti).

Il-qorti ma tarax lok li tittratta l-eccezzjoni l-ohra gialadarba ser tilqa' l-eccezzjoni li l-atturi m'ghandhomx interess guridiku.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut Mario Muscat li l-atturi m’ghandhomx interess guridiku, u ghaldaqstant tillibera lill-konvenuti kollha mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez kontra l-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------